MATRICULATION AND SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE EXAMINATIONS BOARD

**ADVANCED MATRICULATION LEVEL**
**2020 FIRST SESSION**

| | |
|---|---|
| SUBJECT: | **Religious Knowledge** |
| PAPER NUMBER: | I |
| DATE: | 26th September 2020 |
| TIME: | 9:00 a.m. to 12:05 p.m. |

## THE SCRIPTURE AND THE CREED

Answer **THREE** questions: **ONE** from each section and a **THIRD** from any section.
All questions carry equal marks.

### SECTION A: THE CHRISTIAN BIBLE

1. The first part of the Gospel according to John is known as 'the book of signs'. With reference to **TWO** of these signs, explain why this section is known in this way.

2. Discuss the connection and the differences that we find between the Old Covenant that is fulfilled in the book of Exodus and the New Covenant which we find in the Gospels.

3. "In many and various ways God spoke of old to our fathers by the prophets; but in these last days He has spoken to us by a Son, whom He appointed the heir of all things, through whom also He created the world." (Heb 1:1-2) Discuss the mission of the prophets in the Old Testment and explain the role of **TWO** of them in the history of the people of Israel.

### SECTION B: THE CREED

1. On Pentecost the Church became a living body. Discuss the connection between the Church and the Holy Spirit.

2. Even though the fullness of Revelation is Jesus Christ, God continues to reveal Himself in our history of faith as Church as well as in our daily experiences as human beings. Explain how both these statements are true.

3. Why do Roman Catholics disagree with the Protestant belief of 'Sola Scriptura'? What is Tradition and why is it so important?

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2020**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **It-Tagħlim Reliġjuż** |
| KARTA NUMRU: | I |
| DATA: | 26 ta' Settembru 2020 |
| ĦIN: | mid-9:00 a.m sa 12:05 p.m |

## L-ISKRITTURA U L-KREDU

Wieġeb **TLIET** mistoqsijiet: **WAĦDA** minn kull taqsima u t-**TIELET** waħda minn liema taqsima li trid.
Il-mistoqsijiet kollha għandhom l-istess marki.

### TAQSIMA A: IL-BIBBJA

1. L-ewwel parti tal-Evanġelju skont San Ġwann hi magħrufa bħala 'il-ktieb tas-sinjali'. Spjega għaliex din it-taqsima tissejjaħ hekk b'referenza għal **TNEJN** minn dawn is-sinjali.

2. Iddiskuti r-rabta u d-differenzi li naraw bejn il-Patt il-Qadim li jitwettaq fil-ktieb tal-Eżodu u l-Patt il-Ġdid li nsibu fil-Vanġeli.

3. "Alla fl-imgħoddi kellem lil missirijietna ħafna drabi u b'ħafna manjieri permezz tal-profeti. Issa f'dan l-aħħar żmien, Huwa kellimna permezz ta' Ibnu, li Hu għamlu werriet ta' kollox, u li bih ukoll għamel il-ħolqien." (Lhud 1:1-2) Iddiskuti l-missjoni tal-profeti fit-Testment il-Qadim u spjega l-irwol ta' **TNEJN** minnhom fl-istorja tal-Poplu ta' Iżrael.

### TAQSIMA B: IL-KREDU

1. Dakinhar ta' Għid il-Ħamsin il-Knisja saret ġisem ħaj. Iddiskuti r-rabta li hemm bejn il-Knisja u l-Ispirtu s-Santu.

2. Għalkemm ir-Rivelazzjoni laħqet il-milja tagħha f'Ġesù Kristu, Alla jibqa' juri lilu nnifsu fl-istorja tal-fidi tagħna bħala Knisja u kif ukoll fl-esperjenzi tagħna ta' kuljum bħala bnedmin. Spjega kif dawn iż-żewġ stqarrijiet huma veri.

3. Għaliex il-Kattoliċi Rumani ma jaqblux mat-twemmin Protestant tas-'Sola Scriptura'? X'inhi t-Tradizzjoni u għaliex hi daqshekk importanti?

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

MATRICULATION AND SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE EXAMINATIONS BOARD

**ADVANCED MATRICULATION LEVEL**
**2020 FIRST SESSION**

| | |
|---|---|
| SUBJECT: | **Religious Knowledge** |
| PAPER NUMBER: | II |
| DATE: | 26th September 2020 |
| TIME: | 4:00 p.m. to 7:05 p.m. |

## LITURGY AND CHRISTIAN MORALITY

Answer **THREE** questions: **ONE** from each section and a **THIRD** from any section.
All questions carry equal marks.

### SECTION A: LITURGY AND THE SACRAMENTS

1. "Forgiveness gives us a new beginning, makes us new creatures, helps us take hold of a new life. God's forgiveness is not a photocopy which is identically reproduced in every passage through the confessional. Receiving pardon for our sins through a priest is always a new, distinctive and unique experience." (Pope Francis, Penitential Celebration, March 29, 2019) Discuss the above quote.

2. What marks Christians as God's people is that they have become a community that worships God in spirit and in truth. Discuss.

3. "When we baptise a child, the Holy Spirit enters that child, and the Holy Spirit cultivates in that child, from childhood, Christian values that will then flourish." (Pope Francis, General Audience, April 11, 2018) Discuss this quote with reference to the link between the Holy Spirit and the sacrament of baptism.

### SECTION B: CHRISTIAN MORALITY

1. Pope Francis invited everyone to pray for people in government and for politicians, that they may work for the common good. (Homily, September 16, 2019) Elaborate on the notion of the common good in relation to politics.

2. A just society aims to ensure that we are on a path towards shared prosperity for all. Discuss.

3. The basis for the theme of human dignity, the bedrock of Catholic Social Teaching, is that humans were created in the image and likeness of God. Regardless of any factors or reasons we can think of, individuals have an inherent and immeasurable worth and dignity; each human life is sacred. This theme is about our radical equality before God that leads us to think no less of somebody because they are from a different place or culture, because they believe something different to you, or because of their work or employment situation. Explain the notion of "human dignity" by discussing with the use of concrete examples.

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2020**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **It-Tagħlim Reliġjuż** |
| KARTA NUMRU: | II |
| DATA: | 26 ta' Settembru 2020 |
| ĦIN: | mill-4:00 p.m sas-7:05 p.m |

## IL-LITURĠIJA U L-MORALITÀ NISRANIJA

Wieġeb **TLIET** mistoqsijiet: **WAĦDA** minn kull taqsima u t-**TIELET** waħda minn liema taqsima li trid.
Il-mistoqsijiet kollha għandhom l-istess marki.

### TAQSIMA A: IL-LITURĠIJA U S-SAGRAMENTI

1. "Il-maħfra tagħtina bidu ġdid, tagħmilna ħlejjaq ġodda, tgħinna mmissu b'idejna l-ħajja ġdida. Il-maħfra ta' Alla mhix fotokopja li nistgħu nagħmlu bħalha eżatt kull darba li nidħlu fil-konfessjonarju. Meta permezz tas-saċerdot nirċievu l-maħfra ta' dnubietna, din hi esperjenza dejjem ġdida, oriġinali u li ma tistax tiġi kkuppjata." (Papa Franġisku, Liturġija Penitenzjali, Marzu 29, 2019) Iddiskuti din il-kwotazzjoni.

2. Dak li jidentifika lill-Insara bħala l-Poplu ta' Alla huwa li huma komunità li tqim lil Alla fl-ispirtu u l-verità. Iddiskuti.

3. "Meta aħna ngħammdu tarbija, f'dik it-tarbija jidħol l-Ispirtu s-Santu, u l-Ispirtu s-Santu jkabbar f'dik it-tarbija, sa minn ċkunitha, il-virtujiet Insara li mbagħad iwarrdu." (Papa Franġisku, Udjenza Ġenerali, April 11, 2018) Iddiskuti din il-kwotazzjoni billi turi r-rabta bejn l-Ispirtu s-Santu u s-sagrament tal-magħmudija.

### TAQSIMA B: IL-MORALITÀ NISRANIJA

1. Il-Papa Franġisku stieden lil kulħadd biex nitolbu għall-persuni li jiggvernaw u għall-politiċi, biex dawn tassew jaħdmu għall-ġid komuni (Omelija, Settembru 16, 2019). Elabora fuq l-idea tal-ġid komuni b'relazzjoni mal-politika.

2. Soċjetà ġusta tfittex li lkoll nimxu fuq triq waħda li tassigura l-prosperità għal kulħadd. Iddiskuti.

3. Il-bażi tat-tema tad-dinjità tal-bniedem, li hija l-fundament tat-Tagħlim Soċjali tal-Knisja Kattolika, huwa li l-bniedem huwa maħluq fis-sura u x-xbieha t'Alla. Huma x'inhuma l-fatturi jew raġunijiet li nistgħu nikkunsidraw, kull individwu għandu, minnu nnifsu, valur bla qies u dinjità; kull ħajja umana hija sagra. Din it-tema turi l-ugwaljanza radikali tal-bnedmin f'għajnejn Alla, li ma tħalliniex naraw lil xi ħadd inqas minn ħaddieħor għax huma ġejjin minn post jew kultura differenti, jew għax jemmnu xi ħaġa differenti, jew minħabba x-xogħol tagħhom jew is-sitwazzjoni ta' mpjieg tagħhom. Spjega dan il-kunċett ta' "dinjità tal-bniedem" filwaqt li telabora bl-użu ta' eżempji konkreti.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.